



C/2024/5800

7.10.2024

## Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-6 ta' Awwissu 2024 – Deutsche Pfandbriefbank vs SRB

(Kawża T-448/23) (¹)

(“Unjoni Ekonomika u Monetarja – Unjoni bankarja – Mekkaniżmu uniku ta’ riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ta’ ċerti ditti ta’ investiment (SRM) – Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRF) – Deċiżjoni tas-SRB dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-perjodu ta’ kontribuzzjoni 2023 – Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 – Rikors manifestament infondat – Limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza ratione temporis”)

(C/2024/5800)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Deutsche Pfandbriefbank AG (Garching, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Kruis u N. Bartmann, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (rappreżentanti: J. Kerlin, C. Flynn u T. Wittenberg, aġenti, assistiti minn G. Coppo u K. Bongs, avukati)

Intervenjent insostenn tal-kovenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Etienne u G. Bartram, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Haunold, A. Westerhof Löfflerová u J. Bauerschmidt, aġenti)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB) SRB/ES/2023/23 tat-2 ta’ Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-2023 għall-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRF), sa fejn tikkonċerna.

### Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB) SRB/ES/2023/23 tat-2 ta’ Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-2023 għall-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRF) hija annullata sa fejn tikkonċerna lil Deutsche Pfandbriefbank AG.
- 2) L-effetti tad-Deċiżjoni SRB/ES/2023/23 jinżammu sa fejn tikkonċerna lil Deutsche Pfandbriefbank sakemm is-SRB ikun ħa l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ dan id-digriet, u dan f’perjodu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur mill-jum li fih dan id-digriet isir definitiv.
- 3) Is-SRB għandu jbatis, minbarra l-ispejjeż tiegħi, dawk sostnuti minn Deutsche Pfandbriefbank.
- 4) Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 329, 18.9.2023.